# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 4/2021

18 ta' Marzu, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier b'mod virtwali |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

4.0 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien stieden lis-Sur Cirio Oleande sabiex jagħti xi informazzjoni rigward proġett ġdid sabiex inkomplu nibżgħu għall-ambjent billi jibda jinġabar iż-żejt tal-ikel użat.

Il-Kunsill iddiskuta din l-inizzjattiva u qabel li jiġi nstallat dan il-*bin* ħdejn il-bring-in-sites bħala prova.

4.1 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

4.1.2 Is-Sindku qal illi ref punt 3.1.4 (Sqaq ta' Bieb il-Ġarra) il-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn *Street Naming Committee* u kienu qed jissuġerixxu li din għandha tissemma' *Trejqet il-Ġarra*. Is-Sindku qal li allura t-tabella li ser nagħmlu hemm ser tkun qed tirrifletti dan l-isem.

4.1.3 Is-Sindku qal illi ref punt 3.2.1 (toroq pendenti) kienu bdew jinbidlu s-servizzi ta' Triq San Pawl.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi kien jinħtieġ li l-Kunsill jieħu ħsieb il-parti ta' fuq ta' Triq San Pawl. Is-Sindku qal illi huwa diġa' kien qiegħed jiddiskuti mal-kuntrattur pero' sa issa l-kuntrattur ma kienx ġab is-samples. Il-Kunsill iddiskuta l-kulur tal-art jekk għandiex tkun skura jew ċara minħabba iċ-ċokon tal-pjazza.

4.1.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet meta kienu ser jibdew ix-xogħolijiet ta' restawr fuq il-Kappella ta' Santa Marija. Is-Sindku qal illi huwa kien iltaqa' mal-Perit li ser tieħu ħsieb dan il-proġett u kkonferma li x-xogħolijiet ser jibdew fil-bidu ta' Mejju.

4.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ref punt 3.2.3 (solar panels MIP) kinux diġa' aċċettaw li dawn isiru fil-propjeta' tagħhom. Is-Sindku kkonferma illi l-Kunsill kellu konferma verbali u issa rridu nagħmlu kuntratt bejnietna.

Is-Sindku qal illi kellu konferma verbali li l-MELP kienu aċċettaw illi jagħmlu x-xogħol tar-roundabout ta' Triq il-Karwija u li l-ELC kienu ser jieħdu ħsieb ix-xogħolijiet.

4.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-kuntrattur tar-Rubble Walls kienx beda x-xogħolijiet. Is-Sindku kkonferma illi l-kuntrattur kien beda pero' l-Kunsill kellu jwaqqfu għaliex ma kienx għadu tana d-dokumenti kollha meħtieġa u għaldaqstant il-Kunsill ma setax itih il-*go ahead* mingħajr d-dokumentazzjoni meħtieġa.

4.1.8 Is-Sindku qal illi ref punt 3.2.4 (*dog park*) il-Kunsill kien irċieva pjanta li kien għaddiha lill-kunsilliera.

4.1.9 Il-Kunsillier s-Sur Publio Abdilla staqsa fuq e-mail minn Ambjent Malta rigward xi pjanijiet kellna bħala Kunsill. Is-Sindku kkonferma li żmien ilu kienu talbuna xi informazzjoni pero' issa l-affarijiet kienu inbiddlu għaliex minn dak inhar l'kienu saru xi żviluppi.

4.1.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva l-konferma li ser issir l-sleeping police fis-*service road* ta' Triq il-Kuċċard.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-aktar importanti kien li jsiru l-marki tal Slow Signs jew Indikazzjoni ta' Speed fis-*service road ta' Triq il-Kuċċard* sabiex jiġu evitati inċidenti f'din it-triq pero' s-Sindku qal illi talba għall din it-talba qatt ma kienet saret.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward il-*pelikan lights fis-service road* ta' Triq il-Kuċċard. Is-Sindku kkonferma li l-pelikan lights kellhom isiru.

Is-Sindku s-Sur Johan Mula ġie skużat mill-laqgħa 18:10 u rritorna 18:11

4.1.11 Is-Sindku qal illi ref punt 3.3.2 (*cat shelter* Trejqet Tarsu) il-persuna li kienet għamlet it-talba kienet ippreżentat l-ittra lill-ġirien kienu qed jaċċettaw li ssir il-cat shelter biswit il-bank li hemm fl-istess triq. Is-Sindku kkonferma illi kien iċċekkja sabiex jara jekk kinitx ser tkun sgumbrata l-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li fuq il-bank u anki taħt il-bank kien hemm żewġ kaxxi bħala *cat shelters*. Il-Kunsill qabel li issa dawn għandhom jitneħħew u minflok tista' titpoġġa l-*cat shelter* li xtara l-Kunsill bħala prova.

4.1.12 Il-Kunsilliera s-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx ordna sabiex titneħħa l-lenza li kienet saret ref punt 3.3.4 (lenza fi Ġnien t'Amparell). Il-Kunsillier qal illi ma kinitx tagħmel sens li saret l-lenza sabiex ma jidħol ħadd meta ma kien hemm xejn miżrugħ u ssuġġerixxa sabiex jinħarat il-Ġnien. Il-Kunsill qabel.

4.1.13 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk ref punt 3.2.8 (slow streets) il-Kunsill kienx talab lill-Perit għal kwotazzjoni tad-disinn għal pjazza. Is-Sindku kkonferma illi l-Kunsill kien irċieva kwotazzjoni pero' konna erġajna tlabnih jirrevediha għaliex il-kwotazzjoni kienet għolja ħafna minħabba li kien inkluda ħafna fatturi.

4.1.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 3.3.8 (slow sign fi Triq San Anton) huwa kellu jiltaqa' mas-Sindku pero' sal-lum kienu għadhom ma ltaqgħux. Is-Sindku qal illi xorta kien jaqbel illi jiltaqgħu ħalli jaraw il-post eżatt fejn trid issir t-tabella.

4.1.15 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kienx iltaqa' l-Bord tal-Onorificjenza u kemm kienu daħlu nominazzjonijiet.

Il-Kunsill iddiskuta is-sitwazzjoni minħabba l-Covid-19 u qablu illi ma kinitx tagħmel sens illi l-premju jingħata wara li jkun għadda x-xahar ta' April u allura minħabba r-restrizzjonijiet għal din is-sena l-premju onorifiċjenza sa jkollu jerġa' jinqabeż.

4.1.16 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk ref punt 3.3.7 (Ġnien Dun Karm Vella) kinitx saret xi skeda kif ser jitnaddaf kif ukoll iż-żbir. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur tal-knis kellu fl-iskeda li jnaddaf il-ġnien darbtejn fil-ġimgħa u l-ġardinar jieħu ħsieb iż-żbir.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa ukoll jekk il-Kunsill kienx ser jieħu ħsieb id-dwal tal-Ġnien. Il-Kunsll iddiskuta l-issue tad-dwal ta' Ġnien Dun Karm Vella u qabel illi d-dwal huma antiki ħafna u allura kien jinħtieġ li jinbiddlu.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi t-telephone box fl-istes ġnien għandha titneħħa. Il-Kunsill qabel.

**4.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.2.1 Is-Sindku staqsa jekk għal Awwissu l-Kunsill kienx ser jagħmel il-fuljett. Il-Kunsill qabel.

4.2.2 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ħareġ t-tender għall-Knis. Huwa ssuġġerixxa li għal dan il-kuntratt ikunu tlett kunsilliera bħala evaluators. Il-Kunsill qabel li l-evaluators ser ikunu s-Sindku, il-Viċi u l-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla.

4.2.3 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva konferma minn Transport Malta għat-talba rigward metru double yellow line mal-bankina kantuniera tal-garaxx fi Trejqet it-Twemmin.

**4.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

4.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni sabiex il-Kunsill jidentifika ħames postijiet fejn jistgħu jiġu installati *charging pillars* għall-karozzi li jaħdmu bil-batterija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna nissuġerixxu dawn il-postijiet:

1. Pjazza tal-Knisja taħt is-siġar
2. Triq il-Kuċċard
3. Parkeġġ Triq Qerd in-Naħal

4. Triq il-Menqa

5. Triq l-Ibraġġ

4.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Iskrivan s-Sur Antoine Apap kien aċċetta li jinħatar bħala *Data Protection Officer* tal-Kunsill u għalhekk kienet qed tissuġerixxi illi ntellgħuh notch oħra fil-paga. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament.

4.3.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal illi l-kennies ma kienx qiegħed jgħaddi minn Triq Dun Karm Lia. Huwa qal illi f'din it-triq xi ħadd kien waqagħlu t-trab tal-kostruzzjoni fuq il-bankina u talab sabiex jinkines u jinġabar.

4.3.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal illi fi Triq Dun Karm Lia ta' sikwit qed ikun hemm garbage bags mitfugħa fit-triq.

4.3.5 Il-Viċi Sindku lmenta illi Ħal Safi kien imtela' bil-ħaxix ħażin ma' kullimkien u talab sabiex il-Kunsill jibgħat il-ħaddiema jneħħuh.

4.3.6 Il-Viċi Sindku qal illi xtaq iwassal talba ta' persuna minn fi Triq San Ġwann. Huwa qal illi din il-persuna meta jipparkjawlu eżatt quddiem il-bieb tiegħu mhux qed ikun possibbli li joħroġ u jidħol l-għalqa, għaldaqstant kien qiegħed jitlob sabiex issir parking bay safra l-wiesa' tal-bieb tiegħu sabiex b'hekk ikun jista' jidħol u joħroġ bla skumdita' ta' xejn.

4.3.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdila qalet illi il-Culverts li kien hemm fi Triq is-Summien kellhom bżonn tindifa għaliex kienu maħmuġin. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser iqabbad jew lill-kennies jew il-ħaddiema tagħna.

4.3.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fi Sqaq Ħannux kienu qed jipparkjaw il-karozzi li kienu qed jostokalaw l-isqaq kif ukoll joqtru ż-żejt. Hija qalet illi l-Kunsill kien qabel illi jsiru l-qsari sabiex ma jidħlux karozzi f'dan l-isqaq. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lil persuna sabiex iġġorr il-qsari.

4.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi kien baghat e-mail sabiex tfajjel jagħmel għoxrin siegħa esperjenza fuq il-post tax-xogħol. Huwa qal illi dan it-tfajjel seta' biss jattendi nhar ta' Sibt. Il-Kunsill qabel li jista' jattendi sagħtejn mal-iskrivan u sagħtejn mal-librara.

4.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx għamel il-katnazz mal-pompa ħdejn Ġnien ta' Ball. Is-Sindku kkonferma li kien sar.

4.3.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-spection box fi Triq San Gwann kienet reġgħet infeqgħet. Is-Sindku qal illi d-darba l-oħra kien is-sid li irrangaha u qal li kien ser jerġa' javża s-sid sabiex ma jkunx hemm periklu.

4.3.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa meta jiġu tal-Cleansing kellhomx xi skeda kif inaddfu. Is-Sindku qal illi jekk il-Kunsilliera kellhom xi suġġeriment kellhom javżaw il-Kunsill biex dan kien jgħarraf lid-Dipartiment tal-Cleansing.

4.3.15 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward il-Korrispondenza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi hija kienet qiegħda bid-direttivi tal-Union u għalhekk ma kinitx ressqet il-Korrispondenza tal-e-mails.

4.3.16 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-Kumitat ta' Slow Streets kienu ltaqgħu fejn ġew diskussi diversi suġġeriment. Huwa ta d-dettalji tal-laqgħa lill-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker stieden lill-Kunsll kollu sabiex jattendi għal laqgħa oħra li għandha issir nhar il-Ġimgħa 23, April fis-6:00pm.

4.3.17 Is-Sindku qal illi minħabba l-pandemija kien qiegħed jiproponi illi l-Laqgħa Pubblika li ssir fix-xahar ta' April nipposponuha għal aktar il-quddiem. Il-Kunsill qabel.

**4.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

## 4.5 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-7:55pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 13 ta' Mejju, 2021 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |